MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 283/2014

**360 Food Import Limited**
**C 46590**

**Vs**

**Darren Hansford**
**ID 64680M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' April, 2014 illi 's-socjeta' esponenti timporta u tbiegh lokalment merkanzija relatata mal-ikel u xorb.

Illi l-konvenut j'opera bar taht l-isem MLP Club Bar ta' Hal Lija u ordna minghand is-socjeta' esponenti numru ta' merkanzija.

Illi s-socjeta' attrici 'kkonsenjat il-merkanzija kollha rikjesta u l-konvenut qatt ma oggezzjona dwar il-kwalita jew il-kwantita tal-merkanzija ikkonsenjata u qatt ma

oggezzjona ghall-invoices mahruga u dan hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni;

Illi l-konvenut jinsab debitur lejn is-socjeta' esponenti fl-ammont ta' mija u wiehed u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€181.20) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ordnata, ikkonsenjata w accettata mill-konvenut.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu:

1. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€181.20) liema ammont huwa dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet mit-23 ta' Ottubru, 2013 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u wiehed u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€181.20) bl-imghaxijiet mit-23 ta' Ottubru, 2013, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------